



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-641/16

Tünkers France
u
Tünkers Maschinenbau GmbH
vs
Expert France

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Cour de cassation (Franza))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċeduri ta’ insolvenza – Regolament (KE) Nru 1346/2000 – Qorti kompetenti – Kawża minħabba kompetizzjoni żleali mressqa fil-kuntest ta’ proċedura ta’ insolvenza – Kawża mressqa minn kumpannija li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, kontra ċ-ċessjonarju ta’ fergħa ta’ attività tal-kumpannija suġġetta għall-proċedura ta’ insolvenza – Kawża li ma għandha ebda relazzjoni mal-proċedura ta’ insolvenza jew azzjoni li toriġina direttament minn din il-proċedura u li hija marbuta mill-qrib magħha”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-9 ta’ Novembru 2017

1. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f’materji ċivili u kummerċjali – Regolament Nru 44/2001 – Kamp ta’ applikazzjoni – Materji esklużi – Fallimenti, arranġamenti ġuridiċi, u proċedimenti analogi oħra – Kunċett – Kawżi li joriġinaw direttament minn proċeduri ta’ insolvenza u li huma marbuta mill-qrib magħhom – Applikabbiltà tar-Regolament Nru 1346/2000*

(Regolamenti tal-Kunsill Nru 1346/2000 u Nru 44/2001, Artikolu 1(2)(b))

2. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Proċeduri ta’ insolvenza – Regolament Nru 1346/2000 – Kamp ta’ applikazzjoni – Kawża għad-danni minħabba kompetizzjoni żleali kontra ċ-ċessjonarju ta’ fergħa ta’ attività miksba fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ insolvenza – Esklużjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1346/2000, Artikolu 3(1))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 19, 20)

2. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment [proċeduri ta' insolvenza] għandu jiġi interpretat fis-sens li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti li tkun fetħet il-proċedura ta' insolvenza azzjoni għad-danni minħabba kompetizzjoni żleali li permezz tagħha ċ-ċessjonarju ta' fergħa ta' attività miksuba fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza huwa akkużat li ppreżenta ruħu b'mod żbaljat bħala li jiżgura d-distribuzzjoni esklużiva ta' oġġetti prodotti mid-debitur.

(ara l-punt 31 u d-dispożittiv)